Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje L

2026/355

19.2.2026

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2026/355

tat-18 ta' Frar 2026

li jġedded l-approvazzjoni tas-sustanza attiva pirimetanil f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 540/2011

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 79/117/KEE u 91/414/KEE ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 20(1) tiegħu,

Billi:

(1) Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/74/KE ([2]) inkludiet il-pirimetanil bħala sustanza attiva fl-Anness I tad-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE ([3]).

(2) Is-sustanzi attivi inklużi fl-Anness I tad-Direttiva 91/414/KEE jitqiesu li ġew approvati skont ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 u huma elenkati fil-Parti A tal-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 540/2011 ([4]).

(3) L-approvazzjoni tas-sustanza attiva pirimetanil, kif stabbilit fil-Parti A tal-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 540/2011, tiskadi fit-30 ta' Ġunju 2026.

(4) F'konformità mal-Artikolu 1 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 844/2012 ([5]) u fil-perjodu ta' żmien previst f'dak l-Artikolu, ġiet sottomessa applikazzjoni għat-tiġdid tal-approvazzjoni tas-sustanza attiva pirimetanil liċ-Ċekja, l-Istat Membru relatur, u lill-Awstrija, l-Istat Membru korelatur.

(5) L-applikanti issottomettew il-fajl supplimentari meħtieġ lill-Istat Membru relatur, lill-Istat Membru korelatur, lill-Kummissjoni u lill-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel ("l-Awtorità") f'konformità mal-Artikolu 6 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 844/2012. L-Istat Membru relatur sab li l-applikazzjoni kienet ammissibbli.

(6) L-Istat Membru relatur ħejja abbozz tar-rapport ta' valutazzjoni tat-tiġdid b'konsultazzjoni mal-Istat Membru korelatur u ssottomettieh lill-Awtorità u lill-Kummissjoni fil-31 ta' Awwissu 2017. Fl-abbozz tar-rapport ta' valutazzjoni tat-tiġdid tiegħu, l-Istat Membru relatur ippropona li l-approvazzjoni tal-pirimetanil tiġġedded.

([1]) ĠU L 309, 24.11.2009, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2009/1107/oj.

([2]) Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/74/KE tal-21 ta' Awwissu 2006 li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE għall-inklużjoni tad-dichlorprop-P, il-metconazole, il-pyrimethanil u t-triclopyril bħala sustanzi attivi (ĠU L 235, 30.8.2006, p. 17, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2006/74/oj).

([3]) Id-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE tal-15 ta' Lulju 1991 li tikkonċerna t-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti (ĠU L 230, 19.8.1991, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/1991/414/oj).

([4]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 540/2011 tal-25 ta' Mejju 2011 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill f'dak li għandu x'jaqsam mal-lista ta' sustanzi attivi approvati (ĠU L 153, 11.6.2011, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2011/540/oj).

([5]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 844/2012 tat-18 ta' Settembru 2012 li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-proċedura ta' tiġdid għas-sustanzi attivi, kif previst fir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti (ĠU L 252, 19.9.2012, p. 26, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2012/844/oj).

(7) L-Awtorità għamlet il-fajl tas-sommarju supplimentari disponibbli għall-pubbliku. Barra minn hekk, l-Awtorità ċċirkolat ukoll l-abbozz tar-rapport ta' valutazzjoni tat-tiġdid lill-applikanti u lill-Istati Membri biex jagħtu l-kummenti tagħhom u nediet konsultazzjoni pubblika dwaru. L-Awtorità għaddiet il-kummenti li rċeviet lill-Kummissjoni.

(8) Fis-16 ta' Diċembru 2019, l-Awtorità talbet informazzjoni addizzjonali mingħand l-applikant dwar il-proprjetajiet ta' tfixkil tas-sistema endokrinali tal-pirimetanil skont l-Artikolu 13(3a), l-ewwel subparagrafu, tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 844/2012. L-applikanti ppreżentaw informazzjoni biex l-Awtorità tkun tista' tikkonkludi l-valutazzjoni dwar jekk il-kriterji xjentifiċi għad-determinazzjoni tal-proprjetajiet li jfixklu s-sistema endokrinali stabbiliti fil-punti 3.6.5 u 3.8.2 tal-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, kif introdotti bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2018/605 ([6]), humiex issodisfati.

(9) F'Settembru 2022, l-Istat Membru relatur qiegħed abbozz aġġornat tar-rapport ta' valutazzjoni tat-tiġdid għad-dispożizzjoni tal-Awtorità, tal-Istati Membri u tal-Kummissjoni. F'dak ir-rapport ta' valutazzjoni tat-tiġdid, l-Istat Membru relatur qies l-informazzjoni addizzjonali dwar il-kriterji biex jiġu identifikati l-proprjetajiet ta' tfixkil tas-sistema endokrinali u ppropona t-tiġdid tal-approvazzjoni tal-pirimetanil.

(10) Fit-3 ta' Settembru 2024, l-Awtorità bagħtet il-konklużjoni tagħha ([7]) lill-Kummissjoni fejn indikat li, filwaqt li jitqiesu l-kriterji għall-approvazzjoni stabbiliti fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, il-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom il-pirimetanil jistgħu jkunu mistennija jissodisfaw il-kriterji għall-approvazzjoni previsti fl-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009.

(11) Il-Kummissjoni ressqet abbozz tar-rapport tat-tiġdid lill-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf fl-1 ta' Ottubru 2025 u abbozz ta' dan ir-Regolament fl-10 ta' Diċembru 2025.

(12) Il-Kummissjoni stiednet lill-applikanti jissottomettu l-kummenti tagħhom dwar il-konklużjoni tal-Awtorità u, f'konformità mal-Artikolu 14(1), it-tielet subparagrafu, tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 844/2012, dwar ir-rapport tat-tiġdid. L-applikanti ppreżentaw il-kummenti tagħhom, li ġew eżaminati bir-reqqa u tqiesu kif xieraq.

(13) Fir-rigward ta' użu rappreżentattiv wieħed jew aktar ta' mill-inqas prodott wieħed għall-protezzjoni tal-pjanti li fih is-sustanza attiva pirimetanil, ġie stabbilit li l-kriterji għall-approvazzjoni previsti fl-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 huma ssodisfati.

(14) Għalhekk, jixraq li l-approvazzjoni tal-pirimetanil tiġġedded.

(15) Madankollu, f'konformità mal-Artikolu 14(1) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 flimkien mal-Artikolu 6 tiegħu, u fid-dawl tal-għarfien xjentifiku u tekniku attwali u tal-eżitu tal-valutazzjoni tar-riskju, jeħtieġ jiġu previsti ċerti kundizzjonijiet u restrizzjonijiet.

(16) B'mod partikolari, huwa xieraq li jiġu stabbiliti limiti massimi għaċ-ċjanammid, għall-anilina u għall-aċetilaċeton, li huma impuritajiet tossikoloġikament rilevanti li jistgħu jkunu preżenti fil-materjal tekniku kif inhu mmanifatturat, biex jiġi żgurat li s-sustanza attiva pirimetanil użata fil-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti ma twassal għall-ebda effett ta' ħsara fuq is-saħħa tal-bniedem.

(17) Abbażi tas-sejbiet tal-valutazzjoni tar-riskju, huwa meħtieġ ukoll li l-Istati Membri jintalbu jagħtu attenzjoni partikolari lill-protezzjoni tal-operaturi, tal-persuni fil-qrib, tar-residenti, tal-organiżmi akkwatiċi, tan-naħal u tal-pollinaturi meta jkunu qed iwettqu valutazzjonijiet għall-awtorizzazzjoni tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom il-pirimetanil. L-Istati Membri għandhom jimponu, fejn xieraq, l-użu ta' tagħmir protettiv personali biex jitnaqqas l-esponiment tal-operaturi, u miżuri oħra ta' mitigazzjoni tar-riskju biex jitnaqqas l-esponiment ta' persuni fil-qrib, residenti, organiżmi akkwatiċi, naħal u pollinaturi.

([6]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2018/605 tad-19 ta' April 2018 li jemenda l-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 billi jistabbilixxi l-kriterji xjentifiċi biex jiġu ddeterminati l-proprjetajiet li jfixklu s-sistema endokrinali (ĠU L 101, 20.4.2018, p. 33, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2018/605/oj).

([7]) Conclusion on pesticides peer review of the pesticide risk assessment of the active substance pyrimethanil (*EFSA Journal* 2024;22:e8998, disponibbli online: https://doi.org/10.2903/j.efsa.2024.8998).

(18) Ġew stabbiliti definizzjonijiet proviżorji tar-residwi għall-valutazzjoni tar-riskju għall-konsumatur għal ċerti komoditajiet li joriġinaw mill-pjanti jew mill-annimali, kif ukoll għal ċerti komoditajiet ipproċessati, minħabba lakuna fid-data dwar it-tossiċità tal-metaboliti tal-pirimetanil li jistgħu jkunu preżenti f'dawk il-komoditajiet: il-metabolit M605F004 u l-konjugati tiegħu u l-metabolit M605F007. Jenħtieġ li l-applikanti jipprovdu aktar informazzjoni dwar it-tossiċità tal-metabolit M605F004, inklużi l-konjugati tiegħu, u tal-metabolit M605F007, sabiex ikunu jistgħu jiġu stabbiliti definizzjonijiet definittivi tar-residwi fir-rigward tal-komoditajiet ikkonċernati.

(19) Barra minn hekk, sabiex tiżdied il-fiduċja fil-konklużjoni li l-metabolit U2 huwa preżenti fil-ħamrija f'ammont li ma jwassalx għall-ħtieġa tal-identifikazzjoni tiegħu skont ir-rekwiżiti tad-data għas-sustanzi attivi ([8]), u li, għalhekk, l-esponiment sussegwenti tal-ħamrija, tal-ilma tal-wiċċ, tas-sediment u tal-ilma ta' taħt l-art u l-valutazzjoni tar-riskju għall-metabolit U2 mhumiex meħtieġa, jenħtieġ li l-applikanti jipprovdu informazzjoni ta' konferma dwar id-degradazzjoni tal-pirimetanil fil-ħamrija.

(20) Fl-aħħar nett, minħabba li ġie żviluppat matul il-proċess ta' evalwazzjoni għarfien xjentifiku u tekniku ġdid dwar il-valutazzjoni tal-effetti potenzjali tal-proċessi tat-trattament tal-ilma fuq ir-residwi ta' sustanzi attivi jew il-metaboliti tagħhom fl-ilma estratt għall-produzzjoni tal-ilma tax-xorb li ma kienx disponibbli fiż-żmien tas-sottomissjoni tad-dossier supplimentari għall-pirimetanil, b'mod partikolari Dokument ta' Gwida ([9]), jenħtieġ li l-applikanti jipprovdu informazzjoni ta' konferma dwar l-effetti tal-proċessi tat-trattament tal-ilma fuq ir-residwi tal-pirimetanil jew il-metaboliti tiegħu li jistgħu jinsabu fl-ilma estratt għall-produzzjoni tal-ilma tax-xorb.

(21) Għalhekk jixraq li tiġġedded l-approvazzjoni tal-pirimetanil, soġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Anness ta' dan ir-Regolament. Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 540/2011 jenħtieġ li jiġi emendat kif xieraq.

(22) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2025/99 ([10]) estenda l-perjodu tal-approvazzjoni tal-pirimetanil sat-30 ta' Ġunju 2026 sabiex il-proċess ta' tiġdid ikun jista' jitlesta qabel ma jiskadi l-perjodu tal-approvazzjoni ta' dik is-sustanza attiva. Madankollu, minħabba li ttieħdet deċiżjoni dwar it-tiġdid qabel dik id-data tal-iskadenza estiża, jenħtieġ li dan ir-Regolament japplika qabel dik id-data.

(23) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Tiġdid tal-approvazzjoni tas-sustanza attiva

L-approvazzjoni tas-sustanza attiva pirimetanil, kif speċifikat fl-Anness I ta' dan ir-Regolament, tiġġedded soġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dak l-Anness.

([8]) Ara l-punt 7.1.1 tal-Parti A tal-Anness tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 283/2013 tal-1 ta' Marzu 2013 li jistipula r-rekwiżiti tad-data għas-sustanzi attivi, skont ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti (ĠU L 93, 3.4.2013, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2013/283/oj).

([9]) L-ECHA u l-EFSA (l-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi u l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel), Hofman-Caris, R., Dingemans, M., Reus, A., Shaikh, S. M., Munoz Sierra, J., Karges, U., aus der Beek, T., Nogueiro, E., Lythgo, C., Parra Morte, J. M., Bastaki, M., Serafimova, R., Friel, A., Court Marques, D., Uphoff, A., Bielska, L., Putzu, C., Ruggeri, L., u Papadaki, P., "Guidance document on the impact of water treatment processes on residues of active substances or their metabolites in water abstracted for the production of drinking water" (*EFSA Journal* 2023;21(8),1-108, https://doi.org/10.2903/j.efsa.2023.8194).

([10]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2025/99 tal-21 ta' Jannar 2025 li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 540/2011 fir-rigward tal-estensjoni tal-perjodi ta' approvazzjoni tas-sustanzi attivi *Aureobasidium pullulans* (ir-razez DSM 14940 u DSM 14941), *Bacillus amyloliquefaciens* subsp. *plantarum* D747, benalaksil-M, ċiprodinil, diklorprop-P, formetanat, fosetil, alosulfuron-metil, imazamox, milbemektin, fenmedifam, pirimikarb, *Pseudomonas* sp. tar-razza DSMZ 13134, pirimetanil, pirjofenon, pirossulam, spinosad, kubrit, *Trichoderma harzianum* Rifai tar-razez T-22 u ITEM 908, *Trichoderma asperellum* (li qabel kienet T. harzianum) tar-razez ICC012, T-25 u TV-1, *Trichoderma atroviride* (li qabel kienet *T. harzianum*) tar-razza T11, *Trichoderma gamsii* (li qabel kienet *T. viride*) tar-razza ICC080, it-tritikonażol u ż-żiram (ĠU L, 2025/99, 22.1.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2025/99/oj).

Artikolu 2

Emendi tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 540/2011

L-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 540/2011 huwa emendat f'konformità mal-Anness II ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 3

Dħul fis-seħħ u data tal-applikazzjoni

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' April 2026.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-18 ta' Frar 2026.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS I

Isem Komuni, Numri ta' Identifikazzjoni	Isem tal-IUPAC	Purità ([1])	Data tal-approvazzjoni	Skadenza tal-approvazzjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
Pirimetanil Nru CAS: 53112-28-0 Nru CIPAC: 714	N-(4,6-dimetilpirimidina-2-il) anilina	≥ 975 g/kg L-impuritajiet li ġejjin ma għandhomx jaqbżu l-livelli li ġejjin fil-materjal tekniku: — ċjanammid: ≥ 0,5 g/kg; — anilina: 4 g/kg; — aċetilaċeton: ≥ 0,1 g/kg.	fl-1 ta' Mejju 2026	fit-30 ta' April 2041	Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapport tat-tiġdid dwar il-pirimetanil, u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu. F'din il-valutazzjoni ġenerali l-Istati Membri għandhom jagħtu attenzjoni partikolari lil dan li ġej: — il-protezzjoni tal-operaturi, filwaqt li jiġi żgurat li l-kundizzjonijiet tal-użu jinkludu l-applikazzjoni ta' tagħmir ta' protezzjoni personali xieraq; — il-protezzjoni tal-persuni fil-qrib u tar-residenti, filwaqt li jiġi żgurat li jiġu applikati miżuri għat-tnaqqis tad-deriva, fejn meħtieġ; — il-protezzjoni ta' organiżmi tal-ilma, naħal u pollinaturi oħra. Meta jkun xieraq, il-kundizzjonijiet tal-użu għandhom jinkludu l-miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskji. L-applikant għandu jippreżenta informazzjoni ta' konferma dwar: 1. it-tossiċità tal-metabolit M605F004, inklużi l-konjugati tiegħu, u tal-metabolit M605F007, biex jiġu kkonfermati d-definizzjonijiet rilevanti tar-residwi għall-valutazzjoni tar-riskju; 2. l-effett tal-proċessi tat-trattament tal-ilma fuq ir-residwi tal-pirimetanil jew tal-metaboliti tiegħu preżenti fl-ilma estratt għall-produzzjoni tal-ilma tax-xorb, f'konformità mad-Dokument ta' Gwida tal-EFSA u tal-ECHA dwar l-impatt tal-proċessi tat-trattament tal-ilma fuq ir-residwi ta' sustanzi attivi jew il-metaboliti tagħhom fl-ilma estratt għall-produzzjoni tal-ilma tax-xorb;

Isem Komuni, Numri ta' Identifikazzjoni	Isem tal-IUPAC	Purità ([1])	Data tal-approvazzjoni	Skadenza tal-approvazzjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
					3. id-degradazzjoni tal-pirimetanil fil-ħamrija, inkluż — fejn rilevanti — l-identifikazzjoni u l-karatterizzazzjoni tal-metaboliti. Jekk l-informazzjoni tindika r-rilevanza tal-metabolit U2, għandhom jiġu pprovduti dettalji dwar il-ħamrija, l-ilma tal-wiċċ u l-esponiment tas-sediment u tal-ilma ta' taħt l-art u valutazzjoni tar-riskju għall-metabolit U2. L-applikant għandu jissottometti lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lill-Awtorità l-informazzjoni msemmija fil-punti 1, 2 u 3 sal-11 ta' Marzu 2028.

([1]) Fir-rapport tat-tiġdid jingħataw aktar dettalji dwar l-identità u l-ispeċifikazzjoni tas-sustanza attiva.

L-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 540/2011 huwa emendat kif ġej:

(1) fil-Parti A, titħassar l-entrata 135 dwar il-pirimetanil;

(2) fil-Parti B, tiżdied l-entrata li ġejja:

Nru	Isem Komuni, Numri ta' Identifikazzjoni	Isem tal-IUPAC	Purità [1]	Data tal-approvazzjoni	Skadenza tal-approvazzjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
"179	Pirimetanil Nru CAS: 53112-28-0 Nru CIPAC: 714	N-(4,6-dimetilpirimidina-2-il) anilina	≥ 975 g/kg L-impuritajiet li ġejjin ma għandhomx jaqbżu l-livelli li ġejjin fil-materjal tekniku: — ċjanammid: ≥ 0,5 g/kg; — anilina: 4 g/kg; — aċetilaċeton: ≥ 0,1 g/kg.	fl-1 ta' Mejju 2026	fit-30 ta' April 2041	Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapport tat-tiġdid dwar il-pirimetanil, u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu. F'din il-valutazzjoni ġenerali l-Istati Membri għandhom jagħtu attenzjoni partikolari lil dan li ġej: — il-protezzjoni tal-operaturi, filwaqt li jiġi żgurat li l-kundizzjonijiet tal-użu jinkludu l-applikazzjoni ta' tagħmir ta' protezzjoni personali xieraq; — il-protezzjoni tal-persuni fil-qrib u tar-residenti, filwaqt li jiġi żgurat li jiġu applikati miżuri għat-tnaqqis tad-deriva, fejn meħtieġ; — il-protezzjoni ta' organiżmi tal-ilma, naħal u pollinaturi oħra. Meta jkun xieraq, il-kundizzjonijiet tal-użu għandhom jinkludu l-miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskji. L-applikant għandu jippreżenta informazzjoni ta' konferma dwar: 1. it-tossiċità tal-metabolit M605F004, inklużi l-konjugati tiegħu, u tal-metabolit M605F007, biex jiġu kkonfermati d-definizzjonijiet rilevanti tar-residwi għall-valutazzjoni tar-riskju; 2. l-effett tal-proċessi tat-trattament tal-ilma fuq ir-residwi tal-pirimetanil jew tal-metaboliti tiegħu preżenti fl-ilma estratt għall-produzzjoni tal-ilma tax-xorb, f'konformità mad-Dokument ta' Gwida tal-EFSA u tal-ECHA dwar l-impatt tal-proċessi tat-trattament tal-ilma fuq ir-residwi ta' sustanzi attivi jew il-metaboliti tagħhom fl-ilma estratt għall-produzzjoni tal-ilma tax-xorb;

Nru	Isem Komuni, Numri ta' Identifikazzjoni	Isem tal-IUPAC	Purità (1)	Data tal-approvazzjoni	Skadenza tal-approvazzjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
						3. id-degradazzjoni tal-pirimetanil fil-ħamrija, inkluż — fejn rilevanti — l-identifikazzjoni u l-karatterizzazzjoni tal-metaboliti. Jekk l-informazzjoni tindika r-rilevanza tal-metabolit U2, għandhom jiġu pprovduti dettalji dwar il-ħamrija, l-ilma tal-wiċċ u l-esponiment tas-sediment u tal-ilma ta' taħt l-art u valutazzjoni tar-riskju għall-metabolit U2. L-applikant għandu jissottometti lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lill-Awtorità l-informazzjoni msemmija fil-punti 1, 2 u 3 sal-11 ta' Marzu 2028."

(1) Fir-rapport tat-tiġdid jingħataw aktar dettalji dwar l-identità u l-ispeċifikazzjoni tas-sustanza attiva.